**10 ta' Frar, 1967.**

**Imhallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Dottor Leslie Grech ne.

*versus*

Vivien De Gray ne.

**Prim'Awla tal-Qorti *Ċivili* — Ġurisdizzjoni — Degriet — Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija ta' Malta — Sindakabilità.**

*Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma għandha l-ebda ġurisdizzjoni tissindika d-degrieti u d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali anke jekk liġi allegata ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, jekk tali ġurisdizzjoni ma tingħatalliex min xi liġi speċjali.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; premess illi l-Kummissarju tal-Pulizija ta' Malta fejn talab li l-imsemmija Qorti tordna li l-yacht "Lotus Eater", proprietà tal-imsiefer John Gaul, tiġi mneħħija mill-Yacht Marina mill-Pulizija skond l-artiklu 316 (3) tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitlu XIII) (Dok. A) premess illi l-imsemmija Qorti, b'digriet "incamera", u min-

għajr ma semgħet lir-rappreżentanti tal-imsiefer John Gaul, luqgħat it-talba u awtorizzat lill-Pulizija tneħħi l-yacht imsemmi mill-Yacht Marina, b'dan però li l-Kummissarju tal-Pulizija jikkonferma bil-ġurament l-eżistenza tal-istess inkonvenjent u l-urġenza illi jitneħħa, skond l-artikolu 316 (4) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 13), salva ir-rifużjoni eventwali tal-ispejjes mill-persuna jew persuni responsabbli skond il-liġi, (Dok. B); premess illi l-imsiefer John Gaul huwa debitament rappreżentat hawn Malta, u l-yacht "Lotus Eater" qegħda fil-kustodja ta' persuna hawn Malta, u b'dan l-istat ta' affarijiet il-Kummissarju tal-Pulizija huwa infurmat, u premess illi l-imsemmija persuni ma ġewx notifikati bil-proċeduri u kontra tagħhom ma ttieħdu ebda proċeduri mill-Pulizija skond il-liġi u lanqas ma ngħatat lilhom opportunità li jiddefendu l-operat tal-imsiefer John Gaul kif jesiġu l-prinċipji primarji tal-liġi; premess illi r-rekwisiti tal-artiklu 316 (2) tal-Kapitlu XIII tal-Liġijiet ta' Malta ma ġewx sodisfatti; premess illi r-rekwisiti tal-artiklu 316 (4) tal-Kapitlu XIII tal-Liġijiet ta' Malta ma ġewx sodisfatti talab li l-Qorti, prevja dikjarazzjoni illi l-proċedura fuq imsemmija adottata mill-konvenut hija irritwali, mhux skond il-liġi, u kontra l-prinċipji legali, u nulla, tikkundanna lill-Kummissarju tal-Pulizija ma jneħħix permezz tal-Pulizija il-yacht "Lotus Eater" mill-Yacht Marina; bl-ispejjes kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha qal illi qabel xejn trid issir il-prova li l-Avukat Grech għandu mandat mingħand l-attur biex jirrappreżentah f'din il-kawża u li dak il-mandat kien ġa jeżisti fil-ġurnata li ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni; illi l-azzjoni intentata mill-attur hi mingħajr fondament ġuridiku għaliex mhix bażata u awtorizzata minn ebda disposizzjoni tal-liġi; verament mhux fil-kompetenza ta' dik il-Qorti li tissindika l-atti tal-Qrati

*kriminali għal ebda raġuni, kompriżi l-pretisi irritwalità u kaur ta' prinċipji tal-liġijiet kriminali, m'għandhiex il-poter li tannulla u tirrevoka digrieti u sentenzi mogħtijin mill-Qrati tal-Pulizija Ġudizzjarja;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Novembru 1966 li biha laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata mill-konvenut nomine u ċaħdet it-talba ta' l-attur nomine bl-ispejjes *kontra tiegħu, barra dawk relativi għall-inċident tal-*mandat ta' l-attur li għandhom jiġu sopportati mill-kontendenti bin-nofs wara li kkunsidrat —

Li l-kawża in kwistjoni ġiet esklusivament trattata mill-avukati tal-kontendenti fuq l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ta' dina l-Qorti li tissindika l-atti tal-Qrati Kriminali għall-ebda raġuni kompriżi l-pretisa irritwalità u kaur ta' prinċipji tal-liġijiet Kriminali għaliex m'għandhiex il-poter li tannulla u tirevoka degriet u sentenzi mogħtijin mill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja.

Li, għalhekk, il-Qorti sejra teżamina u tiddeċiedi li dina l-eċċezzjoni, inattesa l-prova tal-mandat konferit mill-attur lill-Avukat Leslie Grech; billi ma jidhirx li l-konvenut qiegħed jinsisti fuqha. F'kwalunkwe kas, trattandosi ta' Avukat, il-mandat tiegħu huwa presunt, u kull persuna tista tidher f'kawża bħala mandatarja verbali tal-attur, billi għall-mandat mhiex rikjesta ebda formalità, u jista' jingħata bil-fomm, jew ukoll taċitament. (art. 1959 (2) Kodiċi Ċivili). Jidher, inoltre, ampjament mid-dokumenti esibiti li l-Avukat Leslie Grech kien l-Avukat tal-imsiefer John Gaul, a rigward ta' dina l-kontroversja, bejn il-klient tiegħu u l-Kummissarju tal-Pulizija.

Ikkunsidrat.

Li dwar l-eċċezzjoni tal-konvenut nomine jkun aġevoli li jiġi esaminat dak li jgħid l-artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali:—

(1) Kull reat inissel azjoni Kriminali u azjoni Ċivili;

(2) l-azzjoni Kriminali titmexxa quddiem il-Qrati ta' ġurisdizjoni Kriminali, u biha tintalab piena kontra l-ħati;

(3) l-azzjoni Ċivili titmexxa quddiem Qrati ta' ġurisdizjoni Ċivili, li biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat.

Li, ma jistax ikun hemm dubju li l-provvediment impunjat ma kienx mogħti minn Qorti ta' ġurisdizjoni Kriminali, in basi għall-disposizjoni kontemplata fil-liġi Kriminali, u li dana sar in vista tal-allegata kontravvenzjoni tal-attur għall-Port Regulations enunċjata fl-intimazjoni lilu magħmula mis-Suprintendent tal-Portijiet in virtù tal-Legal Notice No. 43 tas-26 ta' Lulju, 1966.

Li t-talba tal-attur hija espressament diretta biex tottieni l-annullament tal-imsemmi provvediment;

Li, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-proċedura magħżula mill-attur ma tidħolx *fl-attribuzzjonijiet ordinarji tagħha;*—

(1) għaliex minn imkien ma jidher li l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni ta' responsabilità għad-danni kawżati mill-konvenut nomine lill-attur, in vista tal-ordni ta' rimozzjoni tal-"yacht" mill-anchorage Yacht Marina.

(2) għaliex ebda argument ma jista jittieħed b'analoġija mid-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, *dwar l-impunjazzjoni ta' degrieti kamerali, li ordinarjament*

jsir quddiem il-Qorti permezz ta' Ċitazjoni. Infatti, dak li huwa permess għall-provvedimenti li tagħti din l-Qorti, ma jistax jiġi estiż u applikat għall-provvediment tal-Qorti Kriminali, billi applikazzjoni simili mhix espressament awtorizzata mill-liġi.

(3) għaliex meta xi disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ġew applikati għall-Kodiċi Kriminali dan sar b'mod speċifiku u b'riferenza espressa, *kif jidher mill-artikoli 380, 458, 459, 513* u *614* tal-imsemmi Kodiċi Kriminali (Kollez. XXXII, iv, 646 u s-sentenzi ċitati fiha).

Ikkunsidrat:

Li, t-tendenza odierna li tiġi adita dina l-Qorti biex tissindika u tiċċensura sentenzi jew provvediment tal-Qorti Kriminali, barra milli tidher arbitrarja, hija fondamentalment antiġiuridika u inkonsulta, għaliex ma jistax jiġi tollerat li l-Qorti Kriminali tinsab esposta għall-dina li speċie ta' kontroll u ta' reviżjoni addizjonali f'dawk *il-każi fejn* il-liġi tippermetti biss l-appell lill-Qorti Kriminali kompetenti, skond il-każ.

*Li, minn ebda parti tal-proċess ma jirriżulta li l-attur* adixxa din il-Qorti in basi għal xi disposizjoni ta' xi liġi speċjali li tattribwixxi lil dina l-Qorti kompetenza ordinarja fil-każi previsti u enumerati fl-istess liġi; u għalhekk ġustament għandu jiġi ritenut li din il-Qorti f'kasi bħal dawn li għandha quddiemha, ma tistax tkun kompetenti li tieħu konjizzjoni tagħhom u tiddeċiedihom.

Tiddeċiedi billi tilqa l-eċċezzjoni tal-inkompetenza sollevata mill-konvenut nomine u tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjes kontra l-attur nomine, barra dawk relativi għall-in-

ċident tal-mandat tal-attur li għandhom jiġu sopportati mill-konvenut nomine.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-Avukat Dottor Leslie Grech nomine u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine.

Rat ir-risposta tal-konvenut nomine li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u legali u tistħoqq konferma bl-ispejjes kontra l-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Kontra s-sentenza appellata l-appellant resaq fil-petizzjoni, u mbagħad fit-trattazzjoni orali ta' l-appell, dawn l-ilmenti li ġejjin.

L-ewwelnett, hu qal, it-talba tiegħu ma kienitx prinċipalment diretta biex tannulla d-degriet tal-Qorti Kriminali; it-talba tiegħu kienet tikkonsisti biss f'inibizzjoni ta' l-appellat milli jċaqlaq il-yacht tiegħu. Peress illi l-appellat invoka l-awtorizzazzjoni tal-Qorti Kriminali biex jagħmel dan, għalhekk hu (l-appellant) ippremetta illi dik l-awtorizzazzjoni kienet monka u talab dikjarazzjoni f'dak is-sens qabel il-*kundanna ta' l-inibizzjoni.*

*Dan l-ilment hu kontradett mit-termini stess taċ-ċitazzjoni* kif formulata mill-apellant. Fiha, hu, wara li espona l-fatti kif deherlu neċessarju u adduċa l-kawżali dedotta minnu, talab illi l-Qorti, wara li tiddikjara illi l-proċedura adottata mill-appellat (quddiem il-Qorti Kriminali) hija irritwali, mhux skond il-liġi, u kontra l-prinċipji legali, u

għalhekk nulla, tikkundanna lill-appellat li ma jnehhiex permezz tal-Pulizija il-yacht in kwistjoni. In sostanza għalhekk l-appellant biċ-ċitazzjoni talab żewġ affarijiet: l-ewwel, illi l-Qorti tiddikjara illi l-proċedura segwita quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati — inkluż, naturalment, f'dik il-proċedura, id-digriet ta' dik il-Qorti, kienet nulla; u t-tieni, bħala konsegwenza u b'effett ta dik id-dikjarazzjoni ta' nullità, tikkundanna lill-appellat biex ma jagħmilx dak li b'dak id-digriet hu ġie awtorizzat li jagħmel. Jidher ċar illi d-dikjarazzjoni mitluba mill-appellant fl-ewwel lok kienet il-bażi kollha tat-talba magħmula, fit-tieni lok li għaliha kienet preordinata. Fl-istrateġija taċ-ċitazzjoni, l-attakk kollu kien dirett għall-annullament tad-digriet tal-Qorti Kriminali: l-inibizzjoni ta' l-appellat milli juża minn dak id-digriet kellha ssegwi jekk u in kwantu dak l-attakk jirnexxi.

Jista jiġri xi drabi illi Qorti ta' Ġurisdizzjoni ċivili, adita għal skopi purament ċivili (per eżempju ta' danni kaġunati b'fatt li hu anki reat), ikollha tirrieżamina meritu ġa eżaminat u deċiż minn Qorti Kriminali għal finijiet kriminali indipendentement minn dak li jkun sar quddiem dik il-Qorti. Iżda f'dawk il-każijiet l-oġġett ta' l-eżami u tad-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili ma jkunx il-proċeduri u d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali: jkunu biss talvolata, l-istess fatti li jkunu taw lok għal dawk il-proċeduri u għal dik id-deċiżjoni, kif intqal, l-eżami u d-deċiżjoni tal-Qorti Ċivili jsir indipendentement minn dak li jkun sar quddiem u ġie deċiż mill-Qorti Kriminali.

Iżda, manifestament, dan mhux dak li qed jittenta l-appellant fil-każ preżenti. Hawnhekk, kif ġa ġie rilevat hu qed jattakka quddiem il-Qrati Ċivili, direttament u puntalment il-proċeduri li saru quddiem u d-digriet li ingħata mill-

Qorti Kriminali.

*Għandu jiġi sottolineat, dak li ġa ġie anki rilevat* fis-sentenza appellata, illi l-appelant adixxa l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bil-proċedura ordinarja, fil-ġurisdizzjoni tagħha ordinarja, u mhux in bażi għal xi disposizzjonjiet speċjali li jattribwixxu lil dik il-Qorti ġurisdizzjoni ta' sindakat u kontrol partikolari għal ċerti skopijiet definiti fl-istess disposizzjonijiet.

Kif ġa intqal, bid-digriet tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ġiet milqugħa t-talba ta' l-appellat li biha kien talab illi l-Qorti "jgħogobha tordna illi l-yacht jiġi mneħħi mill-Yacht Marina *mill-Pulizija*". Dik *il-Qorti* awtorizzat *dik it-tneħħija, purkè l-appellat* jikkonferma bil-ġurament l-eżistenza ta' l-inkonvenjent u l-urġenza li jitneħħa. Dak il-ġurament jidher li ttieħed.

L-appellant kif jidher mid-dokumenti eżibiti minnu stess, fil-20 ta' Settembru, 1966, permezz *ta' rikors quddiem* l-istess Qorti Kriminali talab illi l-Qorti tirrevoka jew tissospendi l-*effetti ta'* l-imsemmi digriet. Dik it-talba ġiet miċħuda fid-29 ta' Settembru, 1966. B'rikors ieħor ta' l-1 ta' Ottubru, 1966 quddiem l-istess Qorti, l-appellant raġa talab illi l-imsemmi digriet jiġi revokat "contrario imperio". Minn dan il-proċess ma jidhirx x'kien l-eżitu ta' dak ir-rikors. Preżumibilment it-talba reġgħet *ġiet* miċħuda.

Dak *li* l-appellant *ma irnexxielux jottjeni minn dik il*-Qorti, hu jippretendi li kellha tordnah, fis-sentenza il-Qorti appellata jew, issa li għandha tordnah din il-Qorti. Difatti l-appellant spiċċa d-dikjarazzjoni tiegħu annessa maċċitazzjoni b'dan il-kliem:—

"Illi l-attur *nomine* għamel diversi attentati biex juri l-irregolarità u l-inekwità tal-passi u l-proċedura adottata mill-Pulizija di fronti għall-mandanti tiegħu, iżda kollu għalxejn, u issa l-Kummissarju tal-Pulizija ser jgħaddi biex ineħħi l-Yacht imsemmi mil-lok fejn qiegħed bi preġudizzju u perikolu ta' danni konsiderevoli għall-proprietarju ta' l-imsemmi Yacht, **Għaldaqstant kienet neċessarja din il-kawża bl-urġenza"** (tipi grassi miżjud mill-Qorti).

Iżda dan l-aħħar kliem hu "non sequitur". Sempliċement għax l-appellat ma irnexxilux jottieni r-rimedju li hu jidhirlu mill-Qorti Kriminali ma jfissirx illi hu sata jitlob dak ir-rimedju lill-Qrati Ċivili. Ġa intqal illi dak li qed jitlob l-appellant hu li jiġi annullat l-ordni jew l-awtorizzazzjoni tal-Qorti Kriminali u li jiġi frustrat u impedit l-effett tagħhom.

It-tieni ilment ta' l-appellant kif miġjub fil-petizjoni ta' l-appell huwa fis-sens illi l-Qorti Ċivili hija kompetenti biex tissindaka jekk l-awtorizzazjoni pretiża mill-Kummissarju tal-Pulizija hijiex jew le skond il-liġi. Fis-sottomissjoni ta' l-appellant ġaladarba l-appellat qed jinvoka degriet tal-Qorti Kriminali, il-Qorti Ċivili għandha kompetenza tiddeċidi jekk dik il-awtorizzazzjoni bażata fuq dak id-digriet hijiex ivvizjata għax il-proċedura adottata għall-otteniment ta' l-awtorizzazzjoni m'hix skond il-liġi u hi kontra l-prinċipji legali.

Il-Qorti taħseb illi r-risposta għal din l-obbjezzjoni ta' l-appellat ġa tinsab f'dak li intqal fuq f'din is-sentenza. Anki jekk jiġi konċess għall-grazzja biss ta' l-argument illi l-proċedura segwita kienet żbaljata u d-digriet tal-Qorti Kriminali ma messux ingħata, il-Qorti Ċivili xorta ma kellhiex ebda kompetenza, fil-ġurisdizzjoni ordinarja tagħhom, li

tannulla jew tbiddel jew direttament tippriva mill-effett :- *ordnijiet u l-proċeduri tal-Qrati Kriminali. Kif ġa intqal l-Qrati Ċivili*, aditt għal skop ċivili li jidħol fil-ġurisdizzjoni tagħhom, jistgħu fuq l-istess fatti jew dwar l-istess addebitu, fi proċeduri indipendenti jaslu *f'konklużjoni diversa minn* dik li għaliha tista tkun waslet *Qorti* Kriminali: dan hu effett ta' l-indipendenza ta' l-azzjoni ċivili mill-azzjoni kriminali, imma ma jistgħux jiffunzjonaw bħala speċi ta' Qorti ta' Appell jew ta' reviżjoni — a menochè ma jkunux speċjalment abilitati minn xi liġi partikolari — *mid-deċiżżjonijiet* u l-proċeduri tal-Qrati Kriminali. Bir-raġonament ta' l-appellant, kwalunkwe deċiżjoni tal-Qrati Kriminali, anki meta jkun ġie eżawrit l-appell lil Qorti ukoll Kriminali ta' grad superjuri jew meta m'hemmx provdut appell tista tiġi sindakata u *revokata jew modifikata, sempliċement għax hu allegat illi* kienet vizzjata jew ma kienitx skond il-liġi.

Fl-aħħarnett l-appellant issottometta illi jekk il-proċeduri *kriminali* huma għal kollox *distinti mill-proċeduri* ċivili allura quddiem il-Qorti *Ċivili* l-appellat ma għandux jinvoka bħala titolu jew dritt jew awtorizzazzjoni dak li ottjena permezz ta' proċeduri kriminali biex jostakola t-talba prinċipali tiegħu: il-Qorti Ċivili għandha allura tinjora *l-fatt* tad-degriet kriminali u ma taċċettax *li tagħti d-dikjarazzjoni* mitluba minnu, bħala premessa għat-talba tiegħu u tiddeċidi fuq il-meritu tat-talba tiegħu bħal li kieku l-kummissarju tal-Pulizija ma otteniex l-awtorizzazzjoni mill-Qorti Kriminali.

Bir-rispett kollu dan hu, fil-fehma tal-Qorti "quibbling". Biċ-ċitazzjoni tiegħu l-appellant talab li jiġi dikjarat null digriet tal-Qorti Kriminali u li, għalhekk, l-appellat jiġi inibit milli juża l-awtorizzazzjoni mogħtija lilu b'dak id-digriet. *L-appellat invoka dak id-digriet sempliċment għax attakkah* l-appellant: u sempliċement biex *jgħid* illi l-Qorti Ċivili ma

*setgħatx tindaħal fih u tannullah jew tiffrustrah.* Jekk it-talba ta' l-appellant tiġi skonnessa mill-premessi kontenuti fiċ-ċitazzjoni li hu għażel li jpoġġi u, in partikolari, tiġi iżolata mid-dikjarazzjoni li hu talab li tiġi premessa, it-talba tiegħu tibqa bla bażi u bla sens u ma jkunx hemm meritu x'jiġi deċiż.

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjes kontra l-appellant.